MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 554/2000/1

**Joseph Camilleri**

**vs**

**Emanuel Calleja**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Marzu, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti,*

*Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 ta' Mejju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:*

*1. Ihallas is-somma ta' seba' mija u disgha u sittin lira Maltin (LM769) rapprezentanti bilanc minn*

*somma akbar, minnu dovuta lill-attur, bhala prezz ghall-bejgh u konsenja ta' bhejjem u gwiez;*

*2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali sad-data tal-hlas eventwali – ilkoll kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;*

*Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:*

*1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a tenur tal-Art 2148 (b) tal-Kodici Civili u dik ta' hames snin a tenur tal-Art 2156 (f) tal-Kodici Civili;*

*2. Fil-mertu, illi hu m'ghandu jaghti ebda ammont billi huwa hallas ta' kull oggett li huwa xtara minghand l-attur;*

*Semghet ix-xhieda prodotta;*

*Rat id-dokumenti esebiti;*

*Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;*

*Ikkonsidrat:*

*Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:*

*1. Illi l-partijiet jirrizulta li kellhom relazzjoni kummercjali bejniethom li kienet testendi ghall-perjodu konsiderevoli fejn l-attur kien iforni lill-konvenut b'bhejjem u gwiez;*

*2. Illi ghalkemm il-konvenut kien jitlob lill-attur il-kontijiet ghall-pagamenti mitluba dawn qatt ma kienu jigu fornuti;*

*3. Illi l-konvenut isostni li l-ahhar negozju bejn il-partijiet kien sehh fl-1995 u l-kont relattiv kien debitament saldat;*

*4. Illi l-konvenut isostni ghalhekk li nonostante t-talbiet ta' l-attur, l-ebda ammont m'hu minnhu dovut lill-attur;*

*Ikkonsidrat:*

*Illi ghalkemm mill-affidavit ta' l-atur u mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta li bejn il-partijiet verament kien hemm relazzjoni kummercjali pero' l-allegazzjoni attrici ma tilhaqx il-grad tal-prova rikjesta mill-ligi civili taghna stante li tistrieh biss fuq sensiela pjuttost imhawda ta' cifri li lanqas l-istess attur ma gharaf jispjega sew lil din il-qorti;*

*Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ma pprovax il-kaz tieghu u allura tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.*"

Minn din is-sentenza appella l-attur b'dawn l-aggravji:

(i) In-nullita' tas-sentenza stante li ma nghatatx decizjoni fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut;
(ii) Gjaladarba gie eccepit il-pagament kien jinkombi fuq il-konvenut illi jipprova l-hlas;
(iii) Fil-meritu, mhux minnu dak rimarkat illi l-pretensjoni tieghu hi bazata fuq cifri mhawwda.

Il-Qorti ser tikkonsidra dawn l-aggravji fl-ordni li nghataw anke jek taht certi aspetti kollha b'xi mod jincidu wahda fuq l-ohra.

L-ewwel aggravju ma huwiex xi proposizzjoni assoluta ta' dritt. Dan in kwantu, kif ritenut, "*in-nullita ta' sentenza m'ghandiex tigi attiza jekk is-sentenza tkun sostanzjalment gusta*". (**Vol XXX pI p953**).

L-Art 790 infatti jipprovdi dan:-

"*Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tingieb il-quddiem eccezzjoni ta' nullita' tas-sentenza appellata, dik l-eccezzjoni ma ghandiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha, hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibbazata fuq nuqqas ta' gurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' citazzjoni, jew fuq illegittimita' tal-persuna jew fuq li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tkun extra petita jew ultra petita jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smiegh xieraq*."

"*L-oggezzjoni sollevata mill-appellanti ma taqax taht xi wahda mill-kazijiet fejn din id-disposizzjoni tezigi li l-Qorti kellha tilqa' eccezzjoni ta' nullita' ta' sentenza*" (**Giovanna Vella et –vs- Emmanuela armla Camilleri et**", Appell, 19 ta' Mejju 2000).

Materja bhal dik hawn dibattuta li wkoll kienet tirrigwarda l-preskrizzjoni giet analizzata fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Sultana noe et –vs- Annunzjata armla Giordmaina**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Frar 1964. Fiha intqal hekk:-

"*Qabel xejn jinghad li dina l-ahhar eccezzjoni fuq imsemmija skond l-Art 731 (*illum Art 730*) tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tigi deciza b'kap separat u n-nuqqas ta' decizjoni taghha proprjament tikkostitwixxi nullita' imhabba difett ta' forma u peress li tikkoncerna l-ammissibilita' tal-kawza, u li r-rimedju normalment huwa dak li s-sentenza tigi annullata u l-attijiet jigu mill-gdid rinvijati lill-ewwel Qorti (Ara Appell 12 ta' Dicembru 1931 in re Cassar –vs- Cachia, Vol XXVII pI p663 – Appell 7 ta' Mejju 1951, Carmelo Micallef –vs- Brigadier John B. McCanee – Kummerc, 5 ta' Frar 1895; Califato noe –vs- Muscat noe, Vol XV pag 44). Gie pero' ukoll "in subjecta materia" deciz in forza tal-artikolu 793 Kap 15 (*illum Art 790 kap 12*) li simili eccezzjoni, li mhiex espressament eccettwata ghall-non-applikazzjoni ta' dak l-artikolu, ma ghandiex tigi nitrattenuta jekk l-appell isib li s-sentenza moghtija b'dak in-nuqqas hija gusta sostanzjalment (Ara Appell Civili Inferjuri 11 ta' Dicembru 1957 "**Avukat Dr. Giuseppe Vella et –vs- Giuseppe Gatt**"; Appell Civili Inferjuri 3 ta' Mejju 1899 **"Sapiano –vs- Muscat"** Vol XV p43)*".

Huwa desumibbli minn dan riportat illi din il-Qorti ta' revizjoni, qabel kull decizjoni fuq il-punt tan-nullita' jew tal-punt l-iehor tal-gustizzja sostanzjali jew le tas-sentenza appellata, jehtiegilha tindaga l-meritu u l-motivazzjoni tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Fid-dispositiv tad-decizjoni appellata gie ritenut illi l-Qorti hi sodisfatta li l-attur ma pprovax il-kaz tieghu. Huwa pacifiku illi l-volonta' tal-gudikant tista' tittiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza u li d-dispositiv ma ghandux jittiehed separatament mill-motivazzjoni, izda ghandu jigi minn din definit u spjegat. (**Vol XLII pI p287**; "**Grima vs Fava**", Appell Civili, 26 ta' Mejju 1967; "**Gerald Bartoli noe –vs- Emanuel Mathioudes noe**", Appell Kummercjali, 29 ta' Lulju 1970).

Fil-konsiderandi taghha l-ewwel Qorti irriteniet illi "*l-allegazzjoni attrici ma tilhaqx il-grad tal-prova rikjesta mil-ligi civili taghna stante li tistrieh biss fuq sensiela pjuttost imhawda ta' cifri li lanqas l-istess attur ma gharaf jispjega sew lil din il-qorti*".

Mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-kontendenti kienu jinnegozjaw flimkien fis-sens illi jixtru bhejjem minghand xulxin. Hemm certu qbil bejniethom illi l-ahhar li xtara l-konvenut minghand l-attur kien fl-1995 bl-ahhar pagament isir fl-1998. L-attur jghid li ghad baqalu jircevi bilanc. Allegazzjoni din kuntrasta mill-konvenut.

Iz-zewg kontendenti jidher li huma ta' edukazzjoni moderata u d-dettalji tas-singoli partiti kienu jinzammu minnhom fuq speci ta' skartafacc jew pezzetti tal-karti. Jirrizulta wkoll illi ghalkemm mitlub diversi drabi l-attur qatt ma rrilaxxja kont dettaljat. Lanqas ma jidher del resto li qatt irrilaxxja ricevuti tal-pagamenti li mill-istess skartafacc tieghu jikkoncedi li rceva.

Issa anke jekk kif pacifikament stabbilit "*id-diskrezzjoni tal-Qorti ta' prim'istanza in materja ta' provi huma materja li tezorbita mill-attribuzzjonijiet tal-Qorti tal-Appell*" (**Vol XXXII pI p17**), xorta wahda dina l-Qorti, wara li gharblet l-

istess provi ma ssibx mic-cirkostanzi kollha rizultanti li l-pretensjoni tal-attur giet sufficjentement sorretta mill-istess provi.

Anke jekk fil-valutazzjoni tal-provi l-gudikant izomm quddiem ghajnejh il-konsiderazzjonijiet fuq accennati dwar l-edukazzjoni moderata u l-grad ta’ intellett tal-partijiet, l-ispjegazzjoni fornita mill-attur ma jidherx li hi bastanti biex twassal ghal dik ic-certezza li fuq il-bazi ta’ probabilita’, kriterju civili ta’ somma importanza, hu rnexxielu jiddisimpenja ruhu.

Kien proprju wkoll ghal din ir-raguni li gustament l-ewwel Qorti ma setghetx taccetta li l-verzjoni ta’ l-attur appellant lahqet il-grad ta’ prova li setghet tinduci fil-gudikant dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex (**Vol XXXVI pI p319**; “**Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace**”, Appell Civili, 5 ta’ Marzu 1986; “**Fogg Insurance Agencies Ltd –vs- Margaret Thuema**”, Appell, Sede Inferjuri, 22 ta’ Novembru 2001).

Jghid a propositu l-**Mattirolo** (“**Diritto Giudiziario**”, Vol III para 306): “*Il legislatore non ha voluto attribuire un valore diverso all’una e all’altra prova … … vuolsi, sempre quando il legislatore non abbia espressamente stabilito il contrario applicare il principio di diritto comune in materia probatoria, secondo cui dipende dal libero apprezzamento del giudice l’estimazione delle singole prove ed il giudice deve pronunziare in conformita` alla sua convinzione, ossia della morale certezza*.”

L-appellanti jqajjem l-argoment, dedott minnu wkoll bhala aggravju illi l-konvenut appellat htieglu hu wkoll jiddisimpenja ruhu biex isostni l-eccezzjoni tal-pagament.

Issa huwa minnu illi fil-kors ordinarju tal-process min jallega l-pagament dan irid jissostanzjah, anke jekk biex jaghmel dan mhux necessarjament jipproduci ricevuti. Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali (Ara “**Av. J. Buttigieg noe –vs- Jos. Portelli noe**”, Appell

Kummercjali, 26 ta' Jannar 1976; "**<u>Joe Chetcuti noe –vs- Joseph Pearson et noe</u>**," Appell, 5 ta' Ottubru 1998).

Dan mhux strettament il-punt hawn gjaladarba skond l-ordni logiku tar-regoli probatorji jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok illi jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu illi l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jaghmlux il-konvenut jibqa' assistit mill-principju illi l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu imqar "prima facie" jistabilixxi t-tezi tieghu illi mbaghad il-piz tal-prova jisposta ruhu ghal fuq il-konvenut. Kif jinghad mill-**<u>Phipson</u>** **"<u>On Evidence</u>**", 11th Edition, para 103 "*In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case*".

L-istess awtur jispjega wkoll (op cit, para 91) illi r-regola "*Ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio" "is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the <u>first</u> to prove his case*".

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet huwa logiku illi qabel il-prova tal-pagament da parte tal-konvenut, li hu imprexxindibilment kien ikun obbligat jaghmel, l-ewwel stava ghall-attur illi jissodisfa lill-Qorti bi grad ta' prova li ma tkunx wahda merament possibbli imma bazata fuq il-probabilita'.

L-appellant odjern din il-prova ma lahaqiex anke ghaliex kif korrettement ravvizat mill-ewwel Qorti c-cifri murija fl-iskartafacc minnu prezentat ma kienux cari u baqghu inspjegabbli. Naturalment wiehed ma kienx jistenna konsiderati c-cirkostanzi maghrufa zamma ta' konteggi bhal dak ta' xi accountant izda ghall-anqas kien mistenni li l-kontabilita' tkun ordinata u cara bizzejjed biex minnha min htieglu jiggudika jkun jista' jiddeduci b'konvinzjoni l-prova li ried iwasslu ghaliha l-attur biex isostni l-kaz tieghu.

Dan kollu stabbilit bhala konsiderazzjonijiet ta' fatt u tad-dritt jinduci lill-Qorti biex issib is-sentenza appellata

sostanzjalment gusta u ghalhekk mhux  il-kaz li tiddikjaraha nulla fuq il-motiv illi; kif irid l-Art 730 tal-Kap 12, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma gietx deciza b'kap separat jew flimkien mas-sentenza fil-meritu.

Dan l-aggravju ghalhekk, kif ukoll l-aggravji l-ohra, qed jigu rigettati.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

--------------------------------TMIEM--------------------------------